Il-Kummissjoni Ewropea



# SFRUTTAR TAT-TALENTI FIR-REĠJUNI TAL-EWROPA





## X'inhuma l-isfidi?

### 82 reġjun tal-UE (madwar 30 % tal-popolazzjoni tal-UE) affettwati minn:

- Forza tax-xogħol li qed tiċkien b'mod rapidu
- Sehem baxx ta' edukazzjoni għolja
- Ħruġ taż-żgħażagħ

## Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol:

↘ naqset bi **3.5** miljun persuna bejn l-**2015** u l-**2020** fl-UE
↘ aktar tnaqqis mistenni ta' **35** miljun persuna addizzjonali sal-**2050**

### Riskju ta' staġnar f'nassa tal-iżvilupp tat-talenti (ħaddiema tas-sengħa insuffiċjenti biex ipattu għall-impatt tat-tranżizzjoni demografika)




Reġjunib'popolazzjonifl-etàtax-xogħolliqedtiċkienusehemli għadulurata'persunib'edukazzjoniterzjarjaureġjunib'mob-biltà negattiva ta' nies fl-età ta' bejn il-15 u d-39 sena

Kategorija

- Popolazzjonifl-etàtax-xogħolliqedtiċkienusehemligħadulurata'persunib'edukazzjo-ni terzjarja
- Tluq ta' nies fl-età ta' bejn il-15 u d-39 sena
- Reġjuni oħra

Sors: data tal-Eurostat



# **Spinta għat-Talenti tal-UE:**
## Il-"Mekkaniżmu ta' spinta għat-talenti" kif se jappoġġa r-reġjuni?

1. Proġett **pilota ġdid** fl-2023 biex ir-**reġjuni** jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji biex iħarrġu, jattiraw u jżommu t-talenti.

2. **Inizjattiva ġdida "Adattament intelliġenti tar-reġjuni għat-tranżizzjoni demografika"** li tappoġġa lir-reġjuni li jindirizzaw it-tranżizzjoni demografika lokalment.

3. Appoġġ mill-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku** (TSI) biex jiġu indirizzati t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u n-nuqqas ta' ħiliet.

4. **Assistenza finanzjarja diretta** mill-programmi ta' Politika ta' Koeżjoni biex jiġu stimulati l-innovazzjoni u l-opportunitajiet għal impjiegi ta' ħiliet għoljin.

5. **Sejħa ġdida għal azzjonijiet innovattivi skont l-"Inizjattiva Urbana Ewropea"** biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post immexxija minn bliet biex jiżviluppaw, iżommu jew jattiraw it-talenti.

6. **Sinjalazzjoni ta' inizjattivi tal-UE** biex ir-reġjuni interessati jiġu infurmati dwar il-politiki tal-UE fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, u l-mobbiltà taż-żgħażagħ.

7. **Skambju ta' esperjenzi u disseminazzjoni ta' prattiki tajba.**

8. **Titjib tal-għarfien analitiku** biex jiġu appoġġati politiki dwar l-iżvilupp reġjonali u l-migrazzjoni bbażati fuq l-evidenza.



# **Rapport dwar id-Demografija:**
## Xejriet demografiċi fl-UE

**1** Is-sehem tal-**persuni impjegati li jaħdmu mid-dar** fl-UE qabeż minn persuna **waħda minn kull sebgħa** fl-2019 għal persuna **waħda minn kull ħamsa** fl-2020. Fl-2021, kważi persuna waħda minn kull erbgħa kienet qed taħdem mid-dar.



**2** **Sal-2050** is-sehem ta' **persuni +65** se jkun ta' madwar 30 % meta mqabbel ma' madwar 20 % llum.



**3** Wara tnaqqis matul il-pandemija tal-COVID-19, reġgħet bdiet iż-żieda gradwali fl-**istennija tal-għomor**. Fl-2021, l-istennija tal-għomor fl-UE kienet stmata għal **82.8** sena għan-nisa u **77.2** sena għall-irġiel.



**4** L-**għadd ta' unitajiet domestiċi** kompla jikber, filwaqt li d-daqs tal-unità domestika medja kompla jonqos. L-unitajiet domestiċi magħmula minn persuna waħda kibru l-aktar malajr, għal aktar minn 70 miljun fl-2021.



**5** Fl-2020, l-għadd medju ta' **twellid** kien ta' **1.5**, li huwa ħafna aktar baxx mill-valur ta' **2.1** meħtieġ biex tinżamm popolazzjoni stabbli.



**6** Is-**sehem tal-popolazzjoni tal-Ewropa fid-dinja qed jonqos** u fl-2070 se tkun tirrappreżenta madwar 4 % tal-popolazzjoni tad-dinja, meta mqabbel ma' 6 % llum.

